DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-30 ta' April 2008

dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet ta' l-aġenziji tal-ħlas tal-Litwanja u s-Slovakkja rigward l-infiq fil-qasam ta' miżuri għall-iżvilupp rurali ffinanzjat mis-Sezzjoni tal-Garanzija tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (FAEGG), għas-sena finanzjarja 2006

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 1713)

(It-testi bil-Litwan u s-Slovakk biss huma awtentiċi)

(2008/398/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1258/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar il-finanzjament tal-politika komuni agrikola [politika agrikola komuni] [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(3) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat tal-Fond,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/325/KE [2] approvat, għas-sena finanzjarja 2006, il-kontijiet ta' l-aġenziji tal-pagamenti kollha ħlief ta' l-aġenzija tal-pagamenti "NMA" tal-Litwanja u l-aġenzija tal-pagamenti "APA" tas-Slovakkja.

(2) Wara t-trażmissjoni ta' tagħrif ġdid u wara verifiki addizzjonali, il-Kummissjoni issa hija fil-qagħda li tieħu deċiżjoni dwar l-infiq fil-qasam ta' miżuri ta' l-iżvilupp rurali rigward l-integralità, l-eżattezza u l-veraċità tal-kontijiet sottomessi mill-aġenzija tal-pagamenti "NMA" tal-Litwanja u l-aġenzija tal-pagamenti "APA" tas-Slovakkja.

(3) Skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1258/1999 u l-Artikolu 7(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1663/95 [3], din id-Deċiżjoni ma tippreġudikax deċiżjonijiet meħuda sussegwentement mill-Kummissjoni li jeskludu mill-iffinanzjar Komunitarju nfiq li ma jsirx skond ir-regoli Komunitarji,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kontijiet ta' l-aġenzija tal-pagamenti "NMA" tal-Litwanja u ta' l-aġenzija tal-pagamenti "APA" tas-Slovakkja rigward l-infiq fil-qasam ta' l-iżvilupp rurali ffinanzjat mis-Sezzjoni tal-Garanzija tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (FAEGG), għas-sena finanzjarja 2006 huma hawnhekk approvati.

L-ammonti li se jiġu rkuprati minn, jew li se jitħallsu lil, kull wieħed mill-Istati Membri skond din id-Deċiżjoni fil-qasam ta' miżuri ta' l-iżvilupp rurali li japplikaw fil-Litwanja u s-Slovakkja huma stipulati fl-Anness I u fl-Anness II.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Litwanja u lir-Repubblika tas-Slovakkja.

Magħmula fi Brussell, 30 ta' April 2008.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 160, 26.6.1999, p. 103.

[2] ĠU L 122, 11.5.2007, p. 41.

[3] ĠU L 158, 8.7.1995, p. 6. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 465/2005 (ĠU L 77, 23.3.2005, p. 6).

ANNESS I

APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET TA' L-AĠENZIJI TAL-PAGAMENTI

Sena finanzjarja 2006 – Infiq fl-Iżvilupp Rurali fl-Istati Membri Ġodda

Ammont li se jiġi rkuprat minn jew imħallas lill-Istat Membru

SM		2006 – Infiq għall-Aġenziji tal-Pagamenti li l-kontijiet tagħhom		Total a + b	Riduzzjonijiet	Total	Ħlasijiet Interim imħallsa lura lill-Istat Membru għas-sena finanzjarja	Ammont li se jiġi rkuprat minn (–) jew imħallas lill- (+) Istat Membru (*)
		ġew approvati	ma ġewx approvati					
		= infiq iddikjarat fid-dikjarazzjoni annwali	= total ta' Ħlasijiet Interim imħallsa lura lill-Istat Membru għas-sena finanzjarja					
		a	b	c = a + b	d	e = c + d	f	g = e – f
LT	EUR	140 012 181,61	0,00	140 012 181,61	0,00	140 012 181,61	140 016 503,00	– 4 321,39
SK	EUR	117 633 325,77	0,00	117 633 325,77	0,00	117 633 325,77	116 647 230,54	986 095,23

(*) Billi l-ħlasijiet laħqu 95 % tal-pjan finanzjarju, il-bilanċ se jitħallas matul l-għeluq tal-programm.

ANNESS II

Sena finanzjarja 2006 – Nefqa fl-Iżvilupp Rurali fl-Istati Membri Ġodda

Differenzi bejn il-kontijiet annwali u d-dikjarazzjonijiet ta' nefqa

IL-LITWANJA

Nru	Miżuri	Nefqa 2006 Anness I kolonna "a"	Riduzzjonijiet Anness I kolonna "d"	Ammont approvat 2006 Anness I kolonna "e"
		i	ii	iii = i + ii
1	Agri-ambjent	15 494 475,76		15 494 475,76
2	Jitnaqqsu Żoni Favoriti u żoni b'restrizzjonijiet ambjentali	47 293 534,79		47 293 534,79
3	Ilħiq ta' standards	21 597 031,76		21 597 031,76
4	Afforestazzjoni ta' art agrikola	1 231 609,30		1 231 609,30
5	Irtirar kmieni	17 773 634,01		17 773 634,01
6	Appoġġ għal farms semisussistenti li qed jiġu ristrutturati	1 462 384,11		1 462 384,11
7	Miżuri oħra	1 394 540,58		1 394 540,58
8	Għajnuna teknika	1 184 624,44		1 184 624,44
9	Ħlasijiet diretti nazzjonali kumplementari	32 580 346,86		32 580 346,86
	Total	140 012 181,61	0,00	140 012 181,61

IS-SLOVAKKJA

Nru	Miżuri	Nefqa 2006 Anness I kolonna "a"	Riduzzjonijiet Anness I kolonna "d"	Ammont approvat 2006 Anness I kolonna "e"
		i	ii	iii = i + ii
1	Investimenti f'azjendi agrikoli	1 198 188,21		1 198 188,21
2	Taħriġ	0,00		0,00
3	Jitnaqqsu Żoni Favoriti u żoni b'restrizzjonijiet ambjentali	62 787 379,02		62 787 379,02
4	Ilħiq ta' standards	42 757,75		42 757,75
5	Appoġġ agri-ambjentali	24 130 433,63		24 130 433,63
6	Titjib fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli	234 596,08		234 596,08
7	Ġestjoni ta' foresti	0,00		0,00
8	Afforestazzjoni ta' art agrikola	17 586,78		17 586,78
9	Konsolidazzjoni ta' art	0,00		0,00
10	Diversifikazzjoni ta' attivitajiet agrikoli	0,00		0,00
11	Appoġġ għal farms semisussistenti	46 466,54		46 466,54
12	Gruppi ta' produtturi	184 532,46		184 532,46
13	Għajnuna teknika inkluż evalwazzjoni	355 784,81		355 784,81
14	Kumplementi għal ħlasijiet diretti	26 459 743,74		26 459 743,74
901	Investimenti f'azjendi agrikoli, R.1268/1999	486 351,14		486 351,14
905	Appoġġ agri-ambjentali – proġetti approvati R.1268/1999	1 577 512,24		1 577 512,24
907	Ġestjoni ta' foresti – proġetti approvati skond ir-R.1268/1999	44 147,16		44 147,16
912	Gruppi ta' produtturi – proġetti approvati skond ir-R.1268/1999	67 846,21		67 846,21
	Total	117 633 325,77	0,00	117 633 325,77